**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 27/2019**
**24 ta' Awwissu 2019**

## Richard England onorat mis-CAA u jingħata r-Robert Matthew Award

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

F'Mejju li għadda, il-Kamra tal-Periti innominat lill-Professur Richard England bħala kandidat għar-*Robert Matthew Award*. Dan il-Premju jikkommemora lill-ewwel president tal-*Commonwealth Association of Architects (CAA)*, Sir Robert Matthew, u jirrikonoxxi kontribuzzjonijiet innovattivi fl-iżvilupp ta' l-arkitettura, fil-kuntest tal-*Commonwealth*. Dan il-premju jingħata lil dak l-arkitett jew ditta ta' arkitetti li jagħtu l-ikbar kontribut fil-kuntest tal-pajjiż jew reġjun li jaħdmu fih.

Il-ġurija tas-CAA ddeċidiet li tagħti dan ir-rikonoxximent prestiggjuż lill-Professur Richard England, li kien magħżul minn fost ħames kandidati nnominati. Ir-rebbieħa fil-passat jinkludu lil Ken Yeang flimkien ma' *TR Hamzah and Yeang* tal-Malasja, Philip Cox tal-Awstralia, *Ian Ritchie Architects* tar-Renju Unit, u *Arup Associates* mir-Renju Unit ukoll.

Richard England huwa l-iktar ambaxxutur importanti ta' l-arkitettura Maltija madwar id-dinja, u Malta hija kburija tal-kontribut tiegħu fl-ogħla livelli. Il-Kamra tal-Periti hi onorata li tgħodd lill-Professur England bħala wieħed mill-membri distinti tagħha, u tawguralu talli rċieva dan il-Premju.

Il-Premju gie ppreżentat lil England *in absentia* matul ċerimonja li sara f'Mombasa, fil-Kenja, fl-14 ta' Awwissu 2019, bħala parti mill-Assemblea Generali tas-CAA. Il-Perit Vincent Cassar, ex-President tas-CAA, aċċcetta l-Premju f'isem England. It-trofew ser jiġi ppreżentat lill-Professur England waqt avveniment li ser isir iktar tard matul is-sena.

### Richard England - Bijografija

Il-Professur England daħal fix-xena tal-arkitettura f'Malta fl-1962, bid-disinn tal-knisja ikonika ta' San Ġużepp tal-Manikata. Din l-estetika internazzjonali modernista kienet ispirata minn mudelli mit-tramuntana u l-Ewropa Ċentrali. Permezz ta' din il-knisja, England ippropona viżjoni għal arkitettura li tirrispondi għall-kuntest lokali, kemm fuq livell klimatiku kif ukoll kulturali, u hekk nibet moviment reġjonali, li hu esplora b'mod estensiv fid-disinn ta' diversi lukandi u residenzi privati.

Fl-aħħar nofs seklu, ix-xogħol ta' England ġibed l-attenzjoni tad-dinja arkitettonika. Fil-bidu tat-tmeninijet, kien ikkummisjonat mill-arkitett Iraqi Rifat Chadirji sabiex jaħdmu flimkien ma' arkitetti oħrajn ta' fama internazzjonali, inklużi Carlfried Mutschler, Arthur Erikson, Sheppard Robson, Ricardo Bofill, Robert Venturi, u Arup Associates, sabiex iħejju pjanti għad-distrett Bab Al-Sheikh ta' Baghdad. Richard England

ġie mistieden jipparteċipa bħal rikonoxximent għall-abbilta' tiegħu li jifhem it-tradizzjonijiet vernakulari, u li jipproponi soluzzjonijiet li, minkejja li huma kompatibbli ma' dawn it-tradizzjonijiet, mhumiex riġidi imma jagħtu interpretazzjoni ġdida tagħhom.

Il-binjiet tiegħu ġew ippublikati fl-aqwa ġurnali dwar l-arkitettura fid-dinja, u ġie mogħti diversi Premji madwar id-dinja, inklużi għaxar *International Academy of Architecture Awards* u żewġ *Commonwealth Association of Architects Regional Awards*. Il-Professur England ġie mogħti il-*Gold Medal of the City of Toulouse* fl-1985, l-*International Committee of Architectural Critics Silver Medal* fl-1987, il-*Georgia USSR Biennale Laureate Prize* fl-1988, l-*IFRAA-AIA Award for Religious Architecture* fl-1991, l-*International Prize* fit-*III Architectural Biennale* ta' Costa Rica fl-1996, u l-*Gold Medal of the Belgrade Architectural Triennale* fis-sena 2000. Fl-1999, ġie appuntat bħala *Hon. Fellow* ta' l-*American Institute of Architects*. Ġie wkoll mogħti l-Grand Prix ta' l-*International Academy of Architecture* fl-2006 u fl-2015, u l-Premju Annwali ta' din l-Akkademja fl- 2012. Fl-2016, kien wieħed mir-rebbieħa tal-*European Architectural Awards*.

Huwa rċieva wkoll numru ta' dottorati *Honoris Causa* minn numru ta' Universitajiet madwar id-dinja, inklużi l-Universita' ta' Buenos Aires, Argentina, l-*Institute of Advanced Studies* fl-Universita' ta' New York, fl-Amerka, l-Universita' ta' Sofia fil-Bulgarija, l-Universita' Spiru Haret tar-Rumanija, u, fl-2016, mill-*alma mater* tiegħu, l-Universita' ta' Malta.  Fl-1995, ġie rrikonoxxut bħala Professur mill-Universita' tar-Repubblika tal-Georgia; u hu *Hon. Visiting Fellow* fl-Universita' ta' Bath, fl-Ingilterra, kif ukoll Professur, Akkademiku u Viċi President tal-*International Academy of Architecture*.